# IL-PURCISSJONI NHAR IL-FESTA TA' SAN PAWL FIR-RABAT FL-1806

*Winston L Zammit B.A.(Hons) M.A.*

Fost il-fratellanzi mwaqqfa fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat, insibu dik unika fil-Gżejjer Maltin dedikata lil San Pawl li twaqqfet fl-1767. (1)

Skond it-tieni artiklu ta' l-istatut tagħha, l-festa tal-Martirju ta' San Pawl kellha ssir b'solennita mill-istess fratellanza u b'purcissjoni ġenerali. (2) L-istess fratellanza ftit snin wara li twaqqfet proprju fl-1774 ħadet ħsieb tagħmel l-istatwa artistika ta' San Pawl, xogħol ta' l-iskultur Giovanni Caruana. (3)

Qrib il-Festa ta' San Pawl ta' l-1806, Nikola Agius li kien il-prokuratur tal-Fratellanza ta' San Pawl, imwaqqfa fil-Knisja ta' San Pawl "del Borġo della Citta Notabile" ippreżenta memorjal lill-Kummissarju Civili Sir Alexander Ball li fih talbu li

"Chi si faccia dalla Citta Notabile (allura kien qed jitlob lill-Universita) lo sparo in atto che passa la processione il giorno delle 30 Giugno"

M'hemmx dubju li l-purcissjoni ndikata hija dik tal-Festa tal-Martirju ta' San Pawl, billi tissemma l-ġurnata tat-30 ta' Ġunju. Ma jidhirx li sparar mill-Universita waqt il-purcissjoni imsemmija kien isir fis-snin ta' qabel, għax kieku żgur li l-prokuratur kien isemmi dan il-fatt.

Ir-risposta ta' Ball li ngħatat fil-25 ta' Ġunju 1806, kienet "Si oservi il solito", u wisq probabbli din kienet tfisser, li t-talba tal-Fratellanza biex isir l-isparar waqt 'il-purcissjoni ma ġietx milqugħa. (4)

*Referenzi:*


(1) B Galea "Il-Konfraternita' ta' San Pawl tar-Rabat. Monument Nazzjonali fil-ktejjeb *"Matrix Totius Insulae"* AD 60 1960 p 23-27

(2) Ibid p25

(3) G. Azzopardi *"L-Istatwa ta' San Pawl".* Programm Festi Corpus u San Pawl 1977.

(4) Librerija Nazzjonali Malta A43 Vol.14 Registro dei Memoriali decretati da Ball (Jan-July 1806) p. 546.


**Nota Editorjali:** Min dan l-artiklu li għoġbu jgħaddilna il-ħabib tagħna Winston Zammit jidher li l-prokuratur ippretenda li l-Universita tħallas għal xi sparar minn fuq l-Imdina bħalma kien isir f'xi festi oħra, fosthom l-Imnarja.




*Dehra ta' kif kienet tidher il-parrocca ta' San Pawl lejn l-aħħar tas-Seklu 19. (Ħajr: T. Terribile).*